Kunsill Lokali Ħal Balzan

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

# ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 42

Data tal-laqgħa: 3 ta' Frar 2022

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fl-4.00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Andrè Grech – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Mark Mallia – Deputat Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku, Dr Angelo Micallef ippresjeda l-laqgħa.

## 42.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

42.1.1 Ma kien hemm edba ittri ta' apoloġija.

## 42.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

42.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-Minuti ta' Laqgħa Nru. 41. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

42.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Kunsillier Andre Grech, li kien issekondat mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 42.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

42.3.1 **<u>Dawl fuq il-Bring In site Wesgħa Profs Aquilina</u>**

Wara li l-Kunsillier S. Gatt rraporta li d-dawl installat fi Wesgħa Profs Aquilina qed jintuza sempleċiment biex is-CCTV ikollhom aktar ċarezza, Is- Sindku talab li tiġi mwaħħla flood-light direttament fuq il-Bring In site .

42.3.2. Is- Sindku staqsa jekk it-tabelli ġewx ordnati biex jitwaħħlu fejn il-Bring In Site. Is- SE wieġeb li iva ġew ordnati pero' qed ikun hemm nuqqas ta kooperazjoni mill-kuntrattur. Jekk is-sitwazjoni tibqa' l-istess, il-Kunsill fil-laqgħa li jmiss ser jirrevedi l-kuntratt.

42.3.3 <u>Parkeġġ quddiem Corinthia</u>

Is- Sindku qal li sal-ġurnata ta' llum risposta għadha ma ngħatatx minn Transport Malta u għaldaqstant din is-sitwazjoni mhix aċċettabli aktar.

41.8 <u>Statwa Santa Marija</u>

Is- Sindku staqsa jekk kienx hemm xi risposta mid- Dipartiment rigward l-iskema għar-restawr ta' l-istatwa Santa Marija. Is- SE wieġeb fin-negattiv u għaldaqstant ser jikteb formalment lill-Ministru konċernat kif ukoll id- DLG minħabba dan id-dewmien esaġerat.

## 42.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

42.4.1 Is- Sindku infurma lil Kunsill li kellu laqgħa ma tal- Community Policing fejn tkellmu fuq kif sejjer dan is-servizz fil-lokalita'. Bħala Sindku faħħar din l-inizjattiva għaliex il-presenza tal-Pulizija qed tinħass aktar min qatt qabel.

42.4.2 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li rċieva email mingħand il-Kunsillier A. Grech fejn bgħat jinfurmah li huwa rrizenja minn Kunsillier f'isem il- Partit Nazzjonalista u li ser jibqa' jservi bħala Kunsillier Indipendenti.

42.4.3 Wara li numru ta' residenti esprimew tħassib fuq kelb li qed jiġġerra fin-naħat ta' Triq il-Kbira parti t'isfel fejn dan il-kelb qed jattakka lin-nies. Huwa infurma lil Community Police u l-Ispettur tad- Distrett biex jieħdu azzjoni immedjata.

42.4.4 Is- Sindku infurma lill-Kunsill li dalgħodu fil-Wied ta' Ħal Balzan kien hemm *hit and run* accident. Huwa qal li xi zmien ilu kienet saret talba mill-istess Kunsill li TM għal installazzjoni ta' *speed camera* pero' kienet ġiet rifjutata. Għaldaqstant huwa kien qed jipproponi li din it-talba terġa ssir kif ukoll li għandha ssir talba għal road markings u tabelli fl-istess wied. Il- Kunsill approva.

42.4.5 Is- Sindku ppropona li wara li dan l-aħħar kien hemm xi problemi bit-telekomunikazzjonijiet tal-Kunsill li wasal iz-zmien li l-Kunsill ikollu mobile fl-uffiċċju f'kaz li jinqala xi ħaga simili. Il-Kunsill approva.

## 42.5 Tweġibiet għall- Mistoqsijiet tal- Kunsilliera

42.5.1 Ma kien hemm ebda mistoqsijiet

## 42.6 Bagit 2022 u Pjan ta' Ħidma 2022-2026- Approvazzjoni

42.6.1 Bagit 2022
L-Estimi Finanzjarji għas-sena 2022, kif approvati fl-aħħar laqgħa, ġew ippreżentati lill-Kunsill fil-format skont ir-regolamenti finanzjarji. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

42.6.2 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Mary Louise Briffa, li kien issekondat mill-Kunsillier Oliver de Gaetano, l-Estimi Finanzjarji 2022 ġew approvati unanimament.

42.6.3 Pjan ta' Ħidma 2022-2026
Il-Pjan ta' Ħidma għas- Snin 2022 sa 2026 ġie pprezentat lill-Kunsill għad-diskussjoni. Kopja ngħatat lil kull Kunsillier qabel il-laqgħa.

42.6.4 Fuq proposta tal- Kunsillier Andre Grech, li kien issekondat mill-Kunsillier Oliver de Gaetano, il-Pjan ta' Ħidma ġie approvat unanimament.

## 42.7 Sistema ġdida ta' Online Permit

42.7.1 Hekk kif is-sistema ta' ħruġ ta' permessi ser tibda tkun online is- Sindku qal li bħala Kunsill għandu jimponi ċertu kundizzjonijiet fil-permess f'ċertu toroq li jistgħu jkunu partikolari u li jekk dawn il-kundizzjonijiet ma jiġux speċifikati, tista' tinħoloq problema. Għaldaqstant huwa kien qed jipproponi li bħala Kunsill induru it-toroq kollha u la darba dan l-eserċizzju jitlesta, jinħolqu zewġ tipi ta' permessi fejn waħda tkun generika u l-oħra ikollha kundizjonijiet speċifiċi.

## 42.8 Skema DLG- Tisbieħ u Manutenzjoni ta' Playing fields

42.8.1 Fuq din l-iskema il-Viċi Sindku pproponiet li l-flus jintefqu fuq refurbishment u manutenzjoni bħal gazebo li għandha bzonn ċertu restawr kif ukoll li l-€ 5000 li ntefqu fuq it-tapit tal-playingfield jitħallsu separatament.

42.8.1 Il- Kunsill approva li għandhom jinġiebu tlett kwotazzjonijiet sa mhux aktar minn €4200 + VAR għal għamara tal-playinfield u l-kumplament jintef.

## 42.9 Tipjip barra postijiet kummerċjali- Installazzjoni ta' bins għas-sigaretti

42.9.1 Is- Sindku għandu f'idejħ xi ritratti ta' cigarett bins installati ġewwa l-Mdina li huma magħmula minn stainless steel u fl-opinjoni dawn ikunu ideali biex jiġu installati anke ġewwa Ħal Balzan. Bħala Kunsill huwa kien ta' l-opinjoni li dawn jiġu installati fejn stabbilimenti kummerċjali.

42.9.2 Ġie deċiz li jsir ezerċizzju u jiġu individwati postijiet fejn idealment dawn il-bins jiġu installati.

## 42.10 Sleeping Policeman fi Triq It- Tabib J. Zammit

42.10.1 Is- SE ressaq talba ta' resident fejn qed jitlob li jiġi installat sleeping policeman fir Triq It-Tabib. J. Zammit minħabba raġunijiet ta' sigurta peress li qed ikun hemm sewqan eċċessiv.

42.10.2 Il-Kunsill jaqbel li qabel ma tittieħed deċizjoni, dan ir-resident iġib l-kunsens tar-residenti f'dik it-triq ta' fejn irid is-*sleeping policeman* tiġi mwaħħla.

## 42.11 Ilmenti u items oħra ta' Xogħol ieħor

42.11.1 Talba għal rifuzjoni ta' spejjez fuq il-karozza tagħha wara li għaddiet minn ġo *pothole* fi Triq Il-Kbira. Is- SE infurma li rapport tal-pulizija ma ġiex sottomess u għaldastant it-talba tagħha ma tistax tiġi milqugħa sakemm jintbgħat dan ir-rapport.

42.11.2 Talba għal rifuzjoni ta' spejjez għal ammonta ta' €1162 wara li l-gearbox tal-karozza tiegħu ġarbet ħsara huwa u jsuq minn Triq San Frangisk. Dokumenti kollha neċessarji ġew sottomessi.

42.11.2.1 Il-Kunsill ma għandu ebda alternattiva ħlief li jħallas għal dawn l-ispejjez skond it-termini tal-liġi. Il-Kunsillier Stephen Gatt ma qabilx ma din id-deċizjoni għax kien tal-fehma li din tiġi kontestata.

42.11.3 Sidien min sit ta' kostruzzjoni fi Triq Il-Kannizzata bgħatu Bank Guarantee fejn din il-garanzija tibqa' in vigore sa l-10 ta' Marzu 2021 u awtomatikament jiġi mġedded kull sena. Għalkemm il-Kunsill kellu dilemma tiġix aċċettata, il- fatt li l-Kunsill irid joħrog personalment hu il-*clearance* tat-*termination of works* huwa speċi ta' assigurazzjoni. Għaldaqstant il-Kunsill ser jitlob li tingħata il-kopja oriġinali bħala garanzija.

42.11.4 Għal darb'oħra reġgħet saret talba oħra biex gebla antika fejn il-Hudson store tinqala'. Il-Kunsill ma approvax minħabba raġuni ta' Heritage.

42.11.5 Ilment li dawl tat-triq fi Triq Iz-Zekkuk biswit il-gallarija tiegħu qed jikkawza ħafna nemus li qed jidħlu fid-dar tiegħu kif ukoll ħsara lil pjanti u qed jitlob li din tinqala' minn hemm. Il-Kunsill ma aċċettax it-talba tiegħu minħabba raġunijiet ta' sigurta'

42.11.6 Talba biex parking fi Triq Qarcilla ikun biss fuq in-naħa tax-xellug. Il-Kunsillier Stephen Gatt qal li hemm ftehim mar-residenti li la darba ix-xogħolijiet jitlestew fl-istess triq isir meeting fuq il-post u jiġi deċiz fejn ser isiru il-marki tal-parking.

42.11.7 Talba biex fi Buotempo Estate jizdied il-parking tal-motorcyles. Il-Kunsill ser jingħat il-ħaddiema biex jiċċekkjaw hemx lok għal aktar.

## 42.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

42.12.1 Is-SE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti nru. 01/22, li tinkludi l-ammont ta' €137.17bħala Petty Cash għax-xahar ta' Jannar 2022

42.12.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Dr Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

## 42.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

42.13.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.10pm

42.13.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar l-Erbġħa, 23 ta' Marzu 2022 fl-4.00pm.

Konfermati, illum L-Erbgħa, 23 ta' Marzu 2022

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr. Angelo Micallef<br>Mayor | Mark Mallia<br>Deputy Executive Secretary |